



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għas-Sajd

(2012/2202(DEC))

21.2.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Komunitarja
għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2011
(C7-0236/2012 - 2010/2202(DEC))

Rapporteur: Nikolaos Salavrakos

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza l-importanza tal-kompiti tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (l-“Aġenzija”) u jilqa’ l-prestazzjoni effiċjenti u effettiva li l-Kumitat għas-Sajd seta’ josserva waqt iż-żjarat tiegħu fl-Aġenzija f’Ottubru 2012;
2. Jissottolinja l-importanza tal-Aġenzija fid-dawl tal-adozzjoni tar-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) u l-kontribut importanti tagħha għall-implimentazzjoni tal-obiettivi tal-PKS, partikolarment fid-dawl taż-żieda fl-eżiġenzi f’termini ta’ monitoraġġ, kontroll u sorveljanza li jirriżultaw mill-miżuri rakkomandati bħala parti mir-riforma tal-PKS; jenfasizza l-hteġa li jiġi żgurat li tali attivitajiet ikunu kkoordinati b’mod xieraq fl-Istati Membri kollha;
3. Jenfasizza li l-obiettivi politiċi tal-PKS għandhom bħala konsegwenza li l-kontrolli se jkollhom rwol akbar fil-ġejjieni u li, għaldaqstant, il-fondi allokatil lill-Aġenzija fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss se jkun meħtieġ li jiżdiedu;
4. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li l-Qorti tal-Awdituri kkonfermat, fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2011, li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li juru baġit li jammonta għal EUR 12 850 000 fl-2011, jippreżentaw il-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fil-31 ta’ Diċembru 2011 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni;
5. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu li l-Qorti tal-Awdituri ddikjarat ukoll li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2011 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;
6. Jitlob lill-Qorti tal-Awdituri tkompli teżamina bir-reqqa l-proċeduri ta’ reklutaġġ u ta’ akkwist tal-Aġenzija; jiġbed l-attenzjoni tal-Aġenzija lejn l-osservazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Awdituri fil-paragrafi 12 u 13 tar-rapport tagħha, rigward is-sistema ta’ superviżjoni u ta’ kontroll tal-Aġenzija;
7. Jipproponi li l-Parlament jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2011.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	19.2.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Kriton Arsenis, Alain Cadec, Chris Davies, Carmen Fraga Estévez, Pat the Cope Gallagher, Dolores García-Hierro Caraballo, Iliana Malinova Iotova, Werner Kuhn, Isabella Lövin, Gabriel Mato Adrover, Maria do Céu Patrão Neves, Crescenzo Rivellini, Ulrike Rodust, Raül Romeva i Rueda, Struan Stevenson, Isabelle Thomas, Nils Torvalds, Jarosław Leszek Wałęsa
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Paul Basset, Ole Christensen, Diane Dodds, Julie Girling
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Potito Salatto